**L-Erbgħa u Tletin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena**

# Sidna Ġesù Kristu<br>Sultan tal-Ħolqien Kollu

**Solennità**

## Qari I

*Lil David dilkuh sultan fuq Iżrael.*

2 Sam 5, 1-3

**Qari mit-Tieni Ktieb ta' Samwel**

F'dak iż-żmien, [1]it-tribujiet kollha ta' Iżrael ġew għand David
f'Ħebron u qalulu: «Arana, għadmek u laħmek aħna! [2]Fl-imgħoddi,
meta Sawl kien sultan fuqna, kont int li kont toħroġ lil Iżrael
għall-gwerra u ġġibhom lura, u l-Mulej qallek: "Int għad tirgħa
l-poplu tiegħi u tkun prinċep fuq Iżrael."»

[3]U x-xjuħ kollha ta' Iżrael ġew għand is-Sultan f'Ħebron u s-sultan
David għamel patt magħhom f'Ħebron quddiem il-Mulej; u lil David
dilkuh sultan fuq Iżrael.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla





## Salm Responsorjali

Salm 121 (122), 1-2.4-5

R/. (ara 1): Sejrin ferħana f'dar il-Mulej

[1]Fraħt meta qaluli:
«Sejrin f'dar il-Mulej!»
[2]Diġà qegħdin riġlejna
fi bwiebek, Ġerusalemm! R/.

[3]Ġerusalemm, mibnija bħal belt,
magħquda ħaġa waħda.
[4]Lejha t-tribujiet jitilgħu,
it-tribujiet tal-Mulej. R/.

Biex, skont il-liġi ta' Iżrael,
ifaħħru isem il-Mulej.
[5]Għax hemm twaqqfu t-tronijiet tal-ħaqq,
it-tronijiet tad-dar ta' David. R/.

# Qari II

*Daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub.*

Kol 1, 12-20

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Kolossin**

Ħuti, 12 roddu ħajr lill-Missier, li għamilkom denji li tissieħbu fil-wirt
tal-qaddisin fis-saltna tad-dawl.

13 Hu ħelisna mill-ħakma tad-dlam,
u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub,
14 li bih għandna l-fidwa, il-maħfra tad-dnubiet.
15 Hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx,
il-kbir fost il-ħlejjaq kollha;
16 għax fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art,
dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx,
Troni u Ħakmiet, Prinċipati u Setgħat.
17 Kollox bih u għalih kien maħluq,
hu li hu qabel kollox,
u kollox fih qiegħed iżomm.

18 Hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja.
Hu li hu l-bidu,
il-kbir li qam mill-imwiet,
sabiex ikun hu l-ewwel f'kollox.
19 Hekk Alla għoġbu li tgħammar fih il-milja kollha;
20 bih Alla għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu;
bid-demm tiegħu, imxerred fuq is-salib,
ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla





# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mk 11, 9.10

Hallelujah. R/. Hallelujah
Imbierek min ġej f'isem il-Mulej!
Imbierka s-Saltna li ġejja ta' David missierna!
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Ġesù, ftakar fija meta tidħol fis-Saltna tiegħek.*

Lq 23, 35-43

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa**

F'dak iż-żmien, 35 wara li sallbu lil Ġesù, il-poplu waqaf hemm iħares,
waqt li l-kapijiet bdew jiddieħku b'Ġesù u jgħidu: «Salva lil oħrajn;
ħa jsalva lilu nnifsu jekk dan hu l-Messija, il-Maħtur ta' Alla!»

36 Is-suldati wkoll bdew jgħadduh biż-żmien; u resqu lejh, newlulu
nbid qares 37 u qalulu: «Jekk inti s-sultan tal-Lhud salva lilek
innifsek.» 38 Fuq rasu kien hemm ukoll kitba li kienet tgħid:
«Dan huwa s-sultan tal-Lhud.»

39 Wieħed mill-ħatjin li kienu msallbin miegħu beda jgħajru u jgħidlu:
«Int m'intix il-Messija? Salva lilek innifsek u lilna!» 40 Imma qabeż
l-ieħor, ċanfru u qallu: «Anqas minn Alla int ma tibża', int li qiegħed
taħt l-istess kundanna? 41 Tagħna hija ġusta, tassew, għax qegħdin
nieħdu li ħaqqna ta' kulma għamilna; imma dan ma għamel xejn
ħażin.»

42 Imbagħad qal: «Ġesù, ftakar fija meta tidħol fis-Saltna tiegħek.»
43 U Ġesù wieġbu: «Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu